Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,696, 7 ta' Settembru, 2021
Taqsima B

A.L. 348 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2017 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 30 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Awwissu, 2021 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali:

"(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, l-Università għandha tipprovdi l-għotja ta' grad duppliċi kif applikabbli, f'dawk il-każijiet meta studenti li jsegwu parti mill-istudji tagħhom fl-Università, jsegwu l-istudji tagħhom fi kwalunkwe istituzzjonijiet msieħba oħra li huma legalment preklużi li joħorġu għotjiet ta' gradi flimkien."